# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 403/2016**

Il-Pulizija

vs

**Jeanelle Grima**

Bint Nazzareno, imwielda Pieta' fit-12 ta' Dicembru, 1991 u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 16592(M)

Illum, 26 ta' Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata Jeanelle Grima akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli fix-xahar ta' Mejju 2012, minn ġewwa l-uffiċini tal-Kumpanija ROCS li jinsabu fi Triq Sant'Anna, Floriana, meta kienet għadha impjegata mal-istess kumpanija bi preġudizzju tal-prinċipal tagħha;

1. Mingħajr awtorizzazzjoni, għamlet *output* ta' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-*computer* li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn ittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;
2. U aktar talli mingħajr awtorizzazzjoni, ikkupjat kull data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma kienx dak li soltu jinżamm fih jew għal imkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;
3. U aktar talli mingħajr awtorizzazzjoni ħadet pussess ta' xi data, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew għamlet użu minnhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' Lulju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikolu 377C(1)(b)(c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, ma sabitx lill-imputata JEANELLE GRIMA hatja tar-reati kif addebitati fil-konfront taghha u lliberatha minn kull imputazzjoni u piena.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-3 ta' Awwissu, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha miġjuba f'dan il-kaz issib lill-imputata appellata hatja tal-akkużi kif dedotti kontra tagħha u tinfliġġi l-piena skond il-liġi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponent irċieva l-atti tal-kawza u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, għamlet enunċazzjoni żbaljata tal-provi kif miġjuba li fil-fatt wasslet għall-ħelsien tal-imputata appellata mill-imputazzjonijiet miġjuba kontriha, nonche saħħet il-konklużjoni tagħha fuq interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-ipoteżi tal-Liġi. Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell.

1. **<u>Mingħajr awtorizazzjoni</u>**

Illi r-reati in diżamina huma dawk kontemplati fl-Artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-Artikolu ġie introdott fil-liġi tagħna fis-sena 2001 u sussegwentement ġie emendat fis-snin 2010 u 2015. Illi madanakollu stante li f'dan il-każ ir-reati ġew allegatament kommessi mill-imputata appellata f'Mejju 2012, l-esponent sejjer iħares lejn l-Artikolu 337C qabel ma ġew introdotti l-emendi permezz tal-Att Nru. VII tas-sena 2015.

Illi r-rekwiżit ewlieni li jrid jiġi sodisfatt sabiex ir-reati kontemplati fl-Artikolu 337C jissusistu huwa dak li l-persuna tkun aġixxiet mingħajr awtorizazzjoni. Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tal-Maġistrati rriteniet li *"Minkejja li fl-Artikolu 337B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hemm diversi tifsiriet dwar kliem relatat mar-reati ta' użu mhux kif provdut tal-kompjuter ma nsibu l-ebda tifsira tat-terminoloġija 'mingħajr awtorizazzjoni'."*[1]

Illi madanakollu bid-dovut rispett, l-esponent itenni li għalkemm huwa minnu li fl-Artikolu 337B ma nsibu l-ebda tifsira tat-terminoloġija 'minghajr awtorizazzjoni', din it-tifsira nsibuha fl-Artikolu 337C stess preċiżament fis-sub-inċiż (2) tal-istess Artikolu li jipprovdi li :-

> *"(2) Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:*
> *(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn persuna intitolata;*

---

[1] Vide *fol* 168 tal-atti proċesswali

*(b) persuna titqies bħala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) … "*

Illi għal kull *buon* fini l-esponent jirrileva li din it-tifsira kienet tifforma parti mill-Artikolu 337C anke qabel ma ġew introdotti l-emendi permezz tal-Att Nru. VII tas-sena 2015 u għaldaqstant hija ċertament applikabbli anke għal każ in diżamina.

Illi f'dan il-każ għandu jkun paċifiku li l-persuni ntitolati li kellhom jedd li jikontrollaw l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 337C huma d-Diretturi tal-Kumpanija ROCS li xehdu f'dawn il-proċeduri u li <u>hekk kif ser jiġi spjegat iktar 'l isfel</u> lkoll stqarrew li l-imputata appellata ma kellix awtorizazzjoni għall-aġir tagħha.

<u>**2.Aċċess**</u>

Illi l-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha rriteniet illi l-liġi tagħna hija modellata fuq il-liġi Ingliża magħrufa bħala *Computer Misuse Act 1990* u li għaldaqstant jkun utli għal Qorti li tara jekk f'dik il-liġi ngħatatx tifsira propizja. Għal dan il-għan il-Qorti tal-Maġistrati ċċitat l-Artikolu 1 tal-istess Att u rriteniet li fil-Liġi Ingliża nsibu li l-aċċess irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm ir-reat ta' *computer misuse*[2].

Illi l-esponent għal kull *buon fini* eżamina ukoll l-Att suriferit u bid-dovut rispett jirrileva li għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 1 tal-*Computer Misuse Act 1990* jistipula li l-aċċcess ma jridx ikun awtorizzat sabiex jissusisti dak ir-reat, ir-reat regolat permezz ta' dan l-Artikolu huwa r-reat ta' *Unauthorised access to computer material* li fl-umli fehma tal-esponent huwa ben divers mir-reati li bihom ġiet akkużata l-imputata appellata fil-proċeduri odjerni.[3]

Illi madanakollu in vista tal-konsiderazzjonijiet suriferiti li saru mill-Qorti tal-Maġistrati, l-istess Qorti għaddiet sabiex tiċċita diversi awturi fir-rigward tat-terminoloġija "aċċess mhux awtorizzat" jew "*unauthorised access*". Illi fil-fatt il-parti ċitata mill-ktieb tal-awtur Blackstone li tagħti tifsira ta' "*unauthorised access*" hija wkoll l-istess definizzjoni li wieħed isib fl-Artikolu 17 tal-Liġi Ingliża suriferita li jipprovdi interpretazzjoni ta' ċertu termini użati fl-istess Att u f'dan il-każ termini użati preċiżament fl-Artikoli 1 u 2 tal-istess Att.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet legali li fuqhom il-Qorti tal-Maġistrati bbażat l-interpretazzjoni tal-fatti tal-każ in eżami, il-Qorti proċediet sabiex rritjeniet li "*Jirrizulta li l-imputata kellha* <u>***aċċess***</u>[4] *liberu ghall-kompjuter li kienet qed tuża kif fil-fatt kellha tul is-sena*

---

[2] Vide *fol 166* tal-atti proċesswali

[3] Illi l-Liġi Ingliża stess ċitata mill-Qorti tal-Maġistrati telenka numru ta' reati diversi taħt it-titlu ta' *Computer Misuse Offences* u dik il-parti li tirrigwarda l-aċċess hija applikabbli biss għar-reati kontemplati fl-Artikolu 1 u 2 tal-istess Att u ma jidhirx li hija applikabbli għar-reati l-oħra ta' *computer misuse* kontemplati fl-Artikoli sussegwenti tal-istess Att.

[4] Enfasi miżjuda mill-esponent

*li damet taħdem mas-socjeta' Rocs."*[5] u li *"l-imputata kienet impjegata regolarment mas-soċjeta' kwerelanti, u kienet tagħmel użu regolarment minn dan id-dokument u ma kienx hemm il-ħtiega tas-superjur tagħha sabiex ikollha* ***aċċess***[6] *għal dan id-dokument"*[7]

Illi l-esponent Avukat Ġenerali jirrileva f'dan ir-rigward li fl-umli fehma tiegħu, meta l-Qorti tal-Maġistrati ġiet sabiex teżamina l-fatti tal-każ sabiex tara jekk jissusistux ir-rekwiżiti meħtieġa tar-reati in diżamina, il-Qorti għamlet dan a bażi ta' dak li tipprovdi l-Liġi Ingliża u mhux dik nostrana ! Illi dan qiegħed jingħad għaliex għalkemm l-Artikolu 1 tal-Liġi Ingliża ċitat mill-Qorti tal-Maġistrati jagħmel enfasi fuq aċċess mhux awtorizzat, dan ir-rekwiżit ma jifformax parti mir-rekwiżiti neċessarji sabiex jissusistu r-reati taħt il-liġi nostrana li bihom l-imputata appellata tinsab akkużata.

Illi di fatti minn ħarsa lejn l-Artikolu 337C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li l-kelma "aċċess" tinsab biss fin-nota marginali u tirreferi għall-informazzjoni jew użu tagħha. Illi madanakollu fit-test tal-Artikolu nnifsu u b'mod partikolari fit-test tas-sub-inċiżi (b)(ċ) u (f) ma hemm l-ebda referenza għal kelma "aċċess" jew "aċċess mhux awtorizzat" ! Illi huma minnu li l-liġi tagħna tistipula li ma jridx ikun hemm awtorizazzjoni mill-persuna ntitolata sabiex jissusisti r-reat, iżda n-nuqqas ta' awtorizazzjoni ma hijiex marbuta mal-aċċess għall-informazzjoni iżda mal-atti speċifiċi elenkati fis-sub-inċiżi ndikati. Għalhekk jekk wieħed jieħu r-reat kontemplat taħt l-Artikolu 337C(1)(b), ir-reat jissusisti jekk il-persuna mingħajr awtorizazzjoni mill-persuna ntitolata tagħmel *output* ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-*computer* li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun.

Illi għalhekk għandu jkun paċifiku anke minn ħarsa lejn id-diċitura ta' dan l-istess sub-inċiż li dan ir-reat stess fih innifsu jippresuponi li l-persuna għandha aċċess għal dan il-materjal, għandha awtorizzazzjoni sabiex taċċedi għal dan il-materjal, IZDA ma għandix awtorizzazzjoni sabiex tagħmel l-*output* ta' dak l-istess materjal. Illi għalhekk filwaqt li l-esponent jaqbel mal-Qorti tal-Maġistrati fejn irriteniet illi l-imputata kellha aċċess għal kompjuter u għad-dokument in kwistjoni li kien jinsab fuq l-istess *computer*, dan ma jfissirx awtomitakement li hija kienet awtorizzata ukoll tagħmel l-*output* ta' dak l-istess materjal mill-*computer* li fih kienu qegħdin jinżammu għall-*email address* privat tagħha ! Illi bid-dovut rispett, l-esponent jirrileva li kienet propju din id-distinzjoni li l-Qorti tal-Maġistrati naqset illi tagħmel fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

### ***3.Data, software*** **jew dokumentazzjoni ta' appoġġ**

Illi fil-konsiderazzjonijiet tagħha l-Qorti tal-Maġistrati għamlet ukoll referenza għad-*data* in kwistjoni li f'dan il-każ jirriżulta li kien *book of values*. Illi l-Qorti rriteniet illi mill-provi

---

[5] Vide *fol*

[6] Enfasi miżjuda mill-esponent

[7] Vide *fol*

prodotti jirriżulta li "*kif stqarr Dr Anton Felice ... dan il-ktieb ma kien fih l-ebda data sensittiva.*" Illi f'dan ir-rigward l-esponent iħoss li għandu jagħmel referenza għad-definizzjoni ta' "*computer data*" li tinsab fl-Artikolu 337B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li "*computer data*" tfisser "*kull rappreżentazzjoni ta' fatti, tagħrif jew kunċetti f'forma xierqa biex jiġu proċessati f 'sistema tal-informatika jew f'sistema ta' computer, inkluż programm xieraq biex iġiegħel sistema ta' computer tagħmel funzjoni;*" Illi din id-definizzjoni, kif ukoll id-diċitura tas-sub-inċiżi (1)(b)(c) u (f) fl-ebda ħin ma jagħmlu referenza għan-natura ta' din id-*data* jew is-sensittivita o *meno* tal-istess *data*. L-enfasi li għamel il-leġislatur kien fuq it-terminu "*mingħajr awtorizzazzjoni*" ! Illi għalhekk irrispettivament mis-sensittivita o *meno* tad-*data* in kwistjoni, jekk il-persuna ma kellix awtorizzazzjoni sabiex tagħmel l-atti elenkati fis-sub-inċiżi (1)(b)(c) u (f) tal-Artikolu 337C, hemmhekk il-persuna tkun qegħda taġixxi bi ksur tal-liġi.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati rriteniet ukoll illi jirriżulta mill-provi li "*dan id-dokument kien proprjeta' tas-soċjeta' Rocs għaliex kien intbgħat lilha mis-soċjeta' Middlesea pero' stante li l-imputata kienet liċenzjata mill-MFSA setgħet tagħmel użu minnu liberament.* Illi l-Qorti proċediet ukoll billi għamlet referenza għal dak li xehed Dr. Anton Felice li dan il-ktieb "*kien disponibbli online ghal żmien konsiderevoli.*" Illi madanakollu, l-esponent jirrileva li bħala stat ta' fatt jirriżulta mill-provi li l-imputata appellata kellha aċċess għal dan id-dokument minħabba li kienet impjegata mal-kumpanija ROCS u li dak id-dokument hekk kif irriteniet il-Qorti stess "*kien proprjeta' tas-soċjeta' Rocs*". Illi jirriżulta wkoll bħala stat ta' fatt li għalkemm il-*book of values* ta' xi snin oħra seta' kien *online,* f'dik is-sena partikolari dan il-*book of values* ma kienx jinsab *online* u l-imputata appellata kellha aċċess għalih **biss** in vista tal-impjieg tagħha mal-kumpanija ROCS u kif diġa aċċenat hija ma kinetx ġiet awtorizzata li tagħmel l-atti elenkati fis-sub-inċiżi (1)(b)(c) u (f) tal-Artikolu 337C.

Illi l-esponent jinnota wkoll li l-Qorti tal-Maġistrati ma waqfitx hemmhekk fil-konsiderazzjonijiet tagħha iżda marret *oltre* u saħansitra rritjeniet illi:-"*Kien id-dover tal-Prosekuzzjoni li tipprova jekk kienx hemm xi intenzjoni oħra da parti tal-imputata u mhux tissupponi li setgħa kien hemm xi motiv ulterjuri kif donnha insinwat l-Uffiċċjal Prosekutur fit-trattazzjoni tagħha.*"[8] Illi bid-dovut rispett, l-esponent assolutament ma jaqbilx ma din il-konsiderazzjoni u dan għal żewġ raġunijiet. Illi fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni ma hijiex tenuta li tipprova mottiv. Il-prosekuzzjoni hija biss tenuta li tipprova li l-persuna aġixxiet mingħajr awtorizzazzjoni meta għamlet l-*output* tad-*data* in kwistjoni u li tali persuna effetivament għamlet tali *output* jew ikkupjat tali *data,* fatti li ġew pruvati mill-prosekuzzjoni oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Illi fit-tieni lok, fir-rigward tal-*onus* tal-prova li hija tenuta li ġġib il-prosekuzzjoni, l-esponent jara li jkun ukoll utli li ssir referenza għall-Artikolu 337F(6) tal-Kapitolu 9 li jipprovdi li :-

> *(6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-*Subtitolu *u l-oneru li tinġieb prova dwar*

[8] Vide *fol* 169 tal-atti proċesswali

*awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni:*
*Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.*

Illi fil-każ in eżami, il-prosekuzzjoni ressqet bħala xhieda lir-rappreżentanti tal-kumpanija ROCS, fosthom lil Head of Finance u Business Development is-Sur Carol Aquilina li xehed li fl-ewwel ta' Ġunju tas-sena 2012 l-imputata appellata kienet irreżenjat mill-impjieg tagħha mal-kumpanija ROCS u li qabel ma hija tterminat l-impjieg tagħa hija kienet bagħtet *email* mill-*computer* tagħha tax-xogħol li magħha annetiet il-*book of values*, għall-*email address* personali tagħha. Illi x-xhud stqarr li sabiex joħroġ dokument mill-kumpanija irid ikun awtorizzat minn Direttur u l-ebda Direttur ma kien awtorizza li dak id-dokument partikolari joħroġ[9]. Illi xehdu wkoll id-Diretturi tal-kumpanija s-Sur Charles Vella[10], is-Sur Simon Vella[11] u s-Sinjura Rachel Vella[12] li lkoll xehdu li huma qatt ma kienu taw l-awtorizzazzjoni tagħhom lill-imputata appellata. Illi xehed ukoll is-Sur Mark Anthony Fenech bħala *General Manager* fuq is-sezzjoni tal-*insurance* fi ħdan il-kumpanija ROCS li wkoll kkonferma li l-imputata appellata kienet bagħtet din l-*email* ftit tas-siegħat biss qabel ma tagħat l-ewwel riżenja tagħha u li dan kien sar mingħajr l-awtorizazzjoni tad-Diretturi.[13]

Illi għalhekk l-esponent jidhirlu li mill-provi prodotti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, kemm mit-testimonjanzi kif ukoll mid-dokumenti prodotti, dik l-istess Qorti ma setgħetx legalment u raġjonevolment tasal għall-konklużjoni minnha milħuqa (li tiddikjara lill-imputata appellata mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha) stante li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellata wettqet ir-reati imputati lilha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

---

[9] Vide *fol* 39 tal-atti proċesswali

[10] Vide *fol* 60 *et seq*

[11] Vide *fol* 82 *et seq*

[12] Vide *fol* 64 *et seq*

[13] Vide *fol* 68 *et seq*

Illi l-Avukat Generali hassu aggravat bid-decizjoni tal-Ewwel Qorti billi deherlu li l-interpretazzjoni moghtija mill-Ewwel Qorti tar-reati marbuta mal-uzu hazin tal-kompjuter kien wiehed erronju meta dan gie imsejjes fuq dak dispost fil-ligi Ingliza. Dan ghaliex fil-fehma tieghu d-disposizzjonijiet ta'dritt penali imhaddna fil-Kodici Kriminali taghna li holqu r-reati marbuta ma' l'hekk imsejjah *computer misuse* ma jorbtux ir-reita' unikament mal-"access" mhux awtorizzat ghad-data mahzun fil-kompjuter, izda jinkludi kull att indikat fis-sub-inicizi (a) sa (l) tal-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali ghalkemm fin-nota marginali ghall-imsemmija disposizzjoni tal-ligi hemm indikata il-kelma "access". Dan ifisser allura skont l-Avukat Generali illi ghalkemm l-appellata seta' kellha access awtorizzat ghad-*data* tal-kompjuter tal-kumpanija fejn hija kienet impjegata, dan ma kienx ifisser illi hija setghet taghmel l-uzu minn dik id-*data* jew *software* minghajr l-awtorizazzjoni tal-principal taghha, inkluz allura dawk l-atti li bihom hija tinsab mixlija.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellata tinsab mixlija bir-reat imfassal fl-artikolu 337C(1)(b) tal-Kodici Kriminali b'mod ewlieni. Dan l-artikolu jipprovdi li jkun reat jekk persuna minghajr awtorizazzjoni tagħmel ***output*** ta' xi *data, software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mahzuna fil-kompjuter, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun.

Imbaghad l-artikolu 337C(3) ikompli:

> **"Għall-għanijiet tas-subartikolu (1):…. (b) il-forma kif jinħareġ *output* ta' xi *software* jew *data* u partikolarment jekk din tkunx forma jew le li fiha, fil-każ ta' *software*, tkun tista' tiġi esegwita jew, fil-każ ta' data, tkun tista' tiġi pproċessata minn *computer*, mhix importanti.**

Illi l-artikolu 337B(1) jaghti definizzjoni ghall-kelma "*output*": "*computer output*" jew "*output*" tfisser il-preżentazzjoni jew ix-xbieha ta' *data* sew f'għamla miktuba, stampata, bi stampi, ta' wiri fuq skrin, fotografika jew filmata xort'oħra, grafika, bil- ħoss, sew f'kull għamla oħra li tiġi prodotta minn computer; u

L-artikolu 337C(1)(c) tal-Kodici Kriminali imbaghad johloq reat meta persuna minghajr awtorizazzjoni tikkopja kull *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm.

Finalment l-artikolu 337C(1)(f) tal-Kodici Kriminali jispecifika illi sabiex ghemil jikkostitwixxi reat taht dan l-artikolu, persuna li ma jkollhiex l-awtorizazzjoni rikjesta - tieħu pussess ta' xi *data*, *software* jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni legali erudita ta' dan ir-reat mahluq permezz tal-Att III tal-2001 kif sussegwentement emendat, u a skans ta' repetizzjoni dina l-Qorti qed taghmel. dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt bhala taghha. Jizdied jinghad madanakollu, u dan fin-natura tal-aggravji imqanqla mill-appellant Avukat Generali, illi dan il-kaz, fil-fattispecje tieghu, jixbah dak li fid-dritt brittaniku jissejjah bhala "*unauthorised use of authorised access*" li f'dik il-legislazzjoni jitqieghed fl-istess keffa ta' l-access mhux awtorizzat. Dan ghaliex ghalkemm l-awtur tar-reat ikollu l-awtorizazzjoni mehtiega sabiex jikseb l-access, madanakollu imbaghad jaghmel uzu mill-informazzjoni, *data* jew *software* mahzuna fil-kompjuter minghajr id-debita awtorizazzjoni jew jaghmel uzu divers minn dak awtorizzat.

Issa l-Avukat Generali qed jikkontendi illi l-att materjali tar-reat, f'dan il-kaz kien fil-fatt jikkonsisti fl-*output* jew ikkupjjar mhux awtorizzat li ghamlet l-appellata ta' *data* mahzuna fil-kompjuter tas-socjeta ROCS fejn hija kienet impjegata konsistenti f'*Book of Values* li s-socjeta Middle Sea Insurance tibghat lill-agenti taghha fejn jigu indikati il-valur fuq is-suq ta' vetturi skond l-ghamla u is-sena ta' manifattura taghhom u dan ai fini ta' assikurazzjoni, immaterjalment mill-uzu li ghamlet ta'l-istess. Dan il-*Book of Values* fil-fatt kien mahzun fid-data tas-socjeta ROCS u li allura l-appellata kellha access awtorizzat ghalih fil-kors tal-impjieg taghha. Gara izda illi wara li l-appellata kienet tat ir-rizenja taghha u allura gimgha qabel ma halliet l-impjieg taghha hija baghtet dan id-dokument mill-*e-mail* li kienet tuza fil-kors tal-impjieg taghha mal-kumpanija lill-*e-mail* taghha personali u biex b'hekk kisbet uzu personali ghal din id-*data*. Tghid illi hija ghamlet dan ghaliex kien hemm xi membri tal-familja taghha u hbieb li tallbuha tindikalhom x'valur kellha il-vettura taghhom u mhux biex taghmel xi uzu

ghad-detriment tas-socjeta li maghha kienet impjegata. Prova kuntrarja ghal dan il-Prosekuzzjoni ma tressaqx ghalkemm timplika li l-intenzjoni tal-appellata qabel ma halliet l-impjieg taghha kien li tikseb dina l-informazzjoni biex tibda impjieg ma' socjeta ohra ta' assikurazzjoni kompetitrici.

Illi allura, kif inghad, dan mhuwiex kaz fejn l-appellata ma kellhiex awtorizazzjoni tikseb access ghal-kompjuter u l-informazzjoni hemmhekk kontenuta, ghaliex tali awtorizazzjoni kienet tezisti, izda illi hija ghamlet uzu mill-informazzjoni mahzuna f'dak il-kompjuter ghal ghanijiet lil hinn mix-xoghol taghha u dan meta baghtet dokument lil *e-mail* personali taghha mill-*e-mail* tax-xoghol.

Illi hija l-fehma tal-Qorti illi l-ghan tal-legislatur meta haseb biex jissanzjona l-uzu hazin tal-kompjuter u ghalhekk illi johloq reat gdid certament kien illi tigi punita dik il-persuna li b'malizzja taghmel uzu mhux awtorizzat ta' informazzjoni, *data* jew *software*. Dan ghaliex lil hinn mill-att materjal tar-reat kif elenkat fis-sub-incizi ghall-artikolu 337C tal-Kodici Kriminali, l-awtur tar-reat necessarjament jenhtieglu li jifformola l-intenzjoni kriminuza, u cioe' irid jkun hemm l-element formali ukoll abbinat mal-att materjali. Illi fil-fatt is-sub-inciz (2) ghall-artikolu 337C jiddisponi hekk:

> **"Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:**
> **(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx debitament awtorizzata minn <u>persuna intitolata</u>;**
> **(b) persuna titqies bħala <u>persuna intitolata</u> jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (j) jew fl-artikolu 4(a) u (b) ta' dan is-Sub-titolu."** (il-Qorti tosserva illi dan l-artikolu 4(a) u (b) ma huwiex rifless fil-ligi u allura huwa dubitat ghal liema disposizzjoni tal-ligi l-legislatur qed jaghmel referenza! X'aktarx li qed issir referenza ghall-artikolu 337D.)

Illi allura in-nuqqas ta' awtorizazzjoni li huwa l-element ewlieni li johloq ir-reat irid jkun necessarjament jemani mill-"persuna intitolata" li ikollha is-setgha u l-jedd tikkontrolla l-attivitajiet li telenka l-ligi fl-artikolu 337C.

Issa l-espert nominat mill-qorti Dr. Anton Felice ighid hekk fir-rapport tieghu dwar l-att materjali tar-reati addebitati lill-appellata:

**“Il-Vehicle Values Guide Book li intbaghat mill-imputata f’Mejju tas-sena 2012 kien dak tas-sena elfejn u hdax (2011). Dan il-Vehicles Value Guide Book 2011 igib d-data Ottubru 2011 u gie effettivament mahrug mill-Malta Insurance Association f’Novembru 2011. ...**

**Kull sena l-Malta Insurance Association tohrog pubblikazzjoni elettronika b’format ta’ Microsoft excel lill-uhud mill-membri taghha konsistenti fi gwida ta’ valuri tal-vetturi. Din il-gwida hija intiza *inter alia* sabiex tghin lill-assiguraturi u lill-agenti taghhom meta jigu biex jistmaw vettura ghal skopijiet ta’ (1) *underwriting* jigifieri biex jigi determinat is-*sum insured* f’ *comprehensive* jew *fire and theft policy*, u (2) ghal skopijiet ta’ *claim handling* meta l-istess vettura ssofri danni illi jkunu klassifikati *beyond economical repair*.”**

Ikompli jispjega f’hiex tikkonsisti din id-*data* u ighid illi “ma tinkludi ebda *personal data* fis-sens ta’ informazzjoni dwar individwi specifici. Il-Gwida lanqas ma kien fiha *sensitive personal data* fis-sens ta’ *Data Protection Act*.” Izid ighid ukoll illi l-gwida li kellha f’idejha l-imputata kienet provenjenti mill-Middle Sea Insurance li tinkariga esperti sabiex jaghtu stimi tal-vetturi li jinsabu fil-gwida. Ikompli:

**“Il-Gwida ghas-sena 2011 kif ippubblikata fil-forma elettronika b’format ta’ Microsoft excel ma kenitx accessibbli mill-pubbliku in generali. Kienet accessibbli biss mill-Malta Insurance Association, mill-motor insurers li jkunu ssottoskrivew ghall-Gwida, mill-agenti u Brokers tal-istess motor insurers. … u mid-dipendenti taghhom li jahdmu fl-istess ufficini.**

**Madanakollu l-informazzjoni li kienet tinsab fil-Gwida kienet tigi ripartita bhal hlas “on a avehicle by vehicle basis” lill-assigurati li kull sena kienu jigu infurmati mill-assiguraturi taghhom kemm hija stmata l-vettura li dwarha tkun qed tintalab jew tiggedded l-assigurazzjoni. …”**

**Aktar minn hekk, l-Assocjazzjoni ghamlet zmien twil tforni lill-pubbliku b’dawn il-valuri fuq il-website taghha bhal hlas …. Dan is-servizz kien jinghata b’approvazzjoni tal-motor inurers li hafna minnhom kienu ixandruh ukoll minn fuq il-websites taghhom.”**

Jidher madanakollu illi ghal habta tal-2011 minhabba xi hsarat teknici l-Assocjazzjoni ma baqghetx toffri dan is-servizz fuq il-*website* taghha ghalkemm kien hemm il-hsieb illi dan is-servizz jerga’ jibda jinghata mill-gdid mill-Assocjazzjoni lill-pubbliku in generali. Fil-fatt din il-Qorti hadet *judicial notice* ta’ dak spjegat mill-espert tant illi illum dan il-*Book Of Values* jinsab

accessibbli ghal pubbliku fuq il-*website* ta' diversi kumpaniji ta'l-assikurazzjoni bit-Transport Malta sahansitra joffru servizz ta' evalwazzjoni tal-vettura tal-konsumatur *online*.

Esposti ghalhekk dawn il-fatti probatorji din il-Qorti ghalhekk tqies illi dik li l-ligi tiddefinixxi bhala "l-persuna intitolata" li ghandha il-jedd tikkontrolla l-informazzjoni jew *data* li kisbet l-appellata minn fuq il-kompjuter li kienet taghmel uzu minn fil-kors tax-xoghol taghha, ma kenitx l-principal taghha billi dik l-informazzjoni ma kenitx proprjeta tal-istess socjeta ROCS. Din id-*data* kienet konsistenti semplicement fi ktieb informattiv li seta' ighin lill-kumpaniji ta'l-assikurazzjoni fil-hidma taghhom u biex il-pubbliku in generali jinqeda ahjar minghajr il-bzonn li kull darba li tinhareg polza ta' l-assikurazzjoni jew issir *claim*, l-konsumatur irid joqghod jikseb valur minn ghand *surveyor* bi spejjez iktar ghalih. Illi l-"persuna intitolata" li titkellem dwarha il-ligi f'dan il-kaz fl-aghar ipotezi kienet il-Malta Insurance Association li kienet tiehu hsieb tikseb din l-informazzjoni u tippubblikaha u mhux certament il-parte civile f'dawn il-proceduri. Jidher madanakollu, mill-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert tal-Qorti, illi sabiex tinkiseb dina l-informazzjoni, l-pubbliku, inkluz allura l-appellata, ma kellu bzonn ta' l-ebda awtorizazzjoni billi din l-informazzjoni kienet accessibbli u ghadha accessibbli *online*, ghalkemm kien hemm xi zmien meta minhabba hsarat teknici dan is-servizz kien twaqqaf. F'dan iz-zmien, izda, dina l-informazzjoni ukoll kienet tigi mghoddija lill-pubbliku minghajr hlas mill-kumpaniji tal-assikurazzjoni kollha, *brokers* u agenti ta'l-istess.

Illi l-hsieb tal-legislatur, fil-fehma ta' din il-Qorti, allura kien dak li jissanzjona l-att materjal li huwa deskritt fil-ligi ingliza bhala "*unauthorised use of authorised access*" u allura tirrizulta l-htija meta l-awtur tar-reat jikseb access sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali ghal uzu hazin jew skopijiet mhux legittimi[14]. Tant hu hekk illi l-legislatur irrenda r-reat aktar gravi meta dan isehh bi vjolazzjoni tal-fiducja li ghandha tezisti bejn l-impjegat u il-principal tant illi l-artikolu 337F(3)(a) jissanzjona b'mod aktar oneruz:

> **"meta r-reat isir f'xi post minn impjegat <u>bi preġudizzju tal-prinċipal tiegħu</u> jew bi preġudizzju ta' terzi, jekk il-pożizzjoni tiegħu ta' impjegat, sew vera sew fittizja, tkun għamlitha faċli għalih li jagħmel ir-reat."** (sottolinjar tal-qorti)

---

[14] Ara decizjonijiet DPP vs Bingell u DPP vs Allison

Dan il-pregudizzju certament f'dan il-kaz ma sehhx ghaliex ukoll il-Prosekuzzjoni ma irnexxielieх tipprova illi l-appellata bl-informazzjoni minnha miksuba ghamlet dan bil-ghan li tohloq xi hsara lil principal taghha.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi l-aggravji imqanqla mill-appellant Avukat Generali ma jisthoqqilhomx akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-senetnza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

(FT) Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur